**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 65

Data tal-laqgħa: 18 ta' Jannar, 2023

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar l-Erbgħa, 18 ta' Jannar 2023 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Kunsillieri | Christopher Fenech<br>Abraham Aquilina<br>Carl Grech |
| Assenti b'appoloġija | Marilena Hassan |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**65/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**65/01/01** Ma kienx hemm.

**65/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħat Numru 63 u 64**

**65/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**65/02/02** **Para 63/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Lands Authority ma sibx oġġezzjoni li l-kamra li tinsab biswit l-iskola ssir berġa u li saret laqgħa ma' tal-Primary Healthcare.

**65/02/03** **Para 63/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dalwaqt ser jibda x-xogħol fuq il-bandli ta' Ġnien il-Paċi.

**65/02/04** **Para 63/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl dalwaqt joħroġ il-permess.

**65/02/05** **Para 63/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bankina ta' Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero ħa isir minn Infrastructure Malta.

**65/02/06** **Para 63/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-*Community Garden* ma smajna xejn.

**65/02/07** **Para 63/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se tapplika mal-Planning Authority rigward Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard.*

**65/02/08** **Para 63/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*cover* tal-platform lifter għadha mhix lesta.

**65/02/09** **Para 63/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tal-Bulletproof Fitness ġabu *sponsorship* mingħand il-McDonald's għal *open gym* fi Ġnien tal-Ponta fi Triq Għaxqet l-Għajn u li l-Perit ħa japplika għal permess.

**65/02/10** **Para 63/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Lands Authority ma sabitx oġġezzjoni biex it-Torri tas-Semaforu jinbidel f'Mużew tal-Komunikazzjoni bir-Radju. L-Avukat qed jaħdem fuq il-kuntratt ta' subleasing.

**65/02/11** **Para 63/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* ta' ħdejn il-kappella ta' San Nikola u l-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa għadhom ma sarux.

**65/02/12** **Para 63/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* dwar il-knisja għadha ma tpoġġietx ma' dawra taz-zuntier minħabba li l-Kappillan ser jibda x-xogħol fuq iz-zuntier.

**65/02/13** **Para 63/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Abraham Aquilina ser jara x'restawr għandu bżonn l-inkwadru tal-Għar San Brincat u ser jiċċekkja x'inhu l-materjal tal-inkwadru.

**65/02/14** **Para 63/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser jeħel bin viċin ta' għalqa fi Triq Caravaggio.

**65/02/15** **Para 63/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien talab l-ERA sabiex tiġi installata kamera tas-sigurta' fejn l-isptar tal-Ferħa kif ukoll fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**65/02/16** **Para 63/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tiġbor stimi għar-*railing* għal madwar il-perimetru tal-pill box.

**65/02/17** **Para 63/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bankina ta' Triq Caravaggio saret f'Diċembru.

**65/02/18** **Para 63/02/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* fil-pjazza dwar postijiet ta' interess ħa ssir wara li jitlesta z-zuntier.

**65/02/19** **Para 63/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv kitbet lil Transport Malta rigward il-possibbiltà li jsiru traffic lights fi Triq in-Naxxar fil-parti d-dejqa.

**65/02/20** **Para 63/02/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat 3 tabelli ta' CCTV cameras mal-ħajt ta' Ġnien il-Paċi.

**65/02/21** **Para 63/02/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat tabella 'Slow' fi Triq Ferdinandu.

**65/02/22** **Para 63/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat tabella li turi l-*speed limit* ħdejn il-Museum fi Triq Mons. L. Catania.

**65/02/23** **Para 63/03/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser titlob laqgħa ma' SEM dwar fondi għal ġemellaġġ.

**65/02/24** **Para 63/03/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li nfurmat lil Perit li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li l-bust ta' Guido Tanti jiġi f'Misraħ il-Knisja ħdejn numru 16.

**65/02/25** **Para 63/03/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv kitbet lil Transport Malta rigward is-suġġeriment li jsiru strippi mal-art fil-bidu ta' Triq San Ġwann.

**65/02/26** **Para 63/05/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv ser tiġbor stimi għal 3 notice boards (ta' ħdejn il-latrina, ta' ħdejn ir-*roundabout* ta' Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu u ta' ħdejn il-grawnd ta' Xwieki).

**65/02/27** **Para 63/05/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv kitbet lil Enemalta sabiex tiżdied bozza ġdida fi Triq il-Ġnien man-naħa tal-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**65/02/28** **Para 63/05/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat tabella ta' MC ma' arblu eżistenti fi Triq Stiefnu Zerafa.

**65/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**65/03/01** Is-Sindku resqet il-proposta tal-Kunsill Reġjonali Lvant li l-ġbir tal-iskart jibda jinġabar fis-6:30pm. Il-Kunsill qabel unanimament li dan il-proġett pilota jibda jitħaddem fi Frar.

**65/03/02** Is-Sindku resqet li tiġi organizzata l-Festa tal-Ħalib nhar it-28 ta' Mejju 2022 b'kollaborazzjoni mal-Benna. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-Sur Abraham Aquilina talab li s-Segretarju Eżekuttiv tiċċekkja mal-Kappillan meta ħa ssir il-Griżma.

**65/03/03** Is-Sindku resqet li t-Tnejn, 20 ta' Frar 2023 issir attività tal-Karnival. Kien hemm qbil unanimu li jieħdu sehem il-Big Friends Guggen Musik u li jkun hemm dawl dekorattiv u diversi stalls. Is-Sur Christopher Fenech ressaq li jkun hemm bouncy castel u cartoon characters. Il-Kunsill qabel unanimament

**65/03/04** Is-Sindku tkellmet dwar ittra-e li ġiet mill-uffiċċju tal-Ministru Dr Michael Falzon, f'isem numru ta' residenti mill-Għargħur rigward dawn is-servizzi l-Għassa tal-Pulizija, Berġa u l-bandli. Is-Sindku qalet li talbet laqgħa mal-Ministru.

**65/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**65/04/01** Ma kienx hemm.

**65/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**65/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 14 ta' Diċembru 2022).

**65/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Susanne Pace fuq tyre.

**65/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali - Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ġabar €310 għal President's Solidarity Fun Run.

**65/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Andrea Borg Brincat – L-inġinier tas-saħħa u s-sigurtà tal-Kunsill Reġjonali Lvant issuġġerixxa li s-sinjali qrib il-playing fields jittjiebu / jiġu poġġuta, sabiex il-vetturi jkunu konxji biż-żona fil-viċinanzi. Kull playing field għandhu jkollu sinjal wieħed jew aktar imwaħħal b'mod permanenti, b'numru ta' kuntatt f'każ t'emerġenza. Kien hemm qbil unanimu li nixru 4 tabelli.

**65/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 21 ta' Diċembru 2022).

**65/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Maria Dolores Busuttil – Un/Loading Bay in Triq L-Oratorju, Gharghur. Id-Dipartiment irċieva talba għal Un/Loading Bay fi Triq L-Oratorju quddiem ta' Tan-Nanna Snack Bar.

**65/05/07** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Jeanette Galea – Proġetti b'kollaborazzjoni mal-K.L fi ħdan il-K.R.L għas-sena 2022.

**65/05/08** Ġiet innutata korrispondenza minn resident rigward il-Bring in site u l-magna tal-BCRS. Ir-resident qed jitlob li jiġu rilokati. Is-Sindku qalet li dawn saru bil-permess tal-ERA.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**65/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Mario Bruno (LESA) – Proġetti fil-komunitajiet – fit-tielet sejħa tal-iskema 'Ninvestu fil-Komunità', il-proġett tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ma kienx ma' dawk li ġew magħżula din is-sena.

**65/05/10** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 4 ta' Jannar 2023).

**65/05/11** Ġiet innutata korrispondenza - FITA services and courses.

**65/05/12** Ġiet innutata korrispondenza PA/00642/22 – Planning Authority communication – Non Executable Decision Notice Endorsed.

**65/05/13** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li minn 1 MC bay noħorġu 2/3 oħra fi Triq Stiefnu Zerafa. Kien hemm qbil unanimu.

**65/05/14** Fuq it-talba ta' resident għal 4 jardi konkos għal sqaq fi Triq il-Ġnien. Kien hemm qbil unanimu.

**65/05/15** Fuq it-talba ta' resident għal *double yellow line* fi Triq Mons. L. Catania. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**65/05/16** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li s-Sur Simon Aquilina jiżbogħ il-ħajt ta' barra ta' Ġnien il-Paċi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**65/05/17** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li ngħidu lil tal-bowser biex inaddaf il-culvert ta' Vjal ir-Repubblika. Kien hemm qbil unanimu li dan ix-xogħol isir f'April.

**65/05/18** Is-Sur Christopher Fenech qal li madwar il-bring in site hemm ħafna ħġieġ mal-art. Is- Segretarju Eżekuttiv ser tinfurma lil kenniesa.

**65/05/19** Is-Sur Christopher Fenech qal li l-bins tal-BCRS mimlija. Is- Segretarju Eżekuttiv ser tinfurmahom.

**65/05/20** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li fir-roundabout ta' Triq San Ġwann minflok is-siġar tal-Oleander nagħmlu siġar ta' żebbuġ. Kien hemm qbil unanimu. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tapplika mal-ERA.

**65/05/21** Is-Sur Abraham Aquilina qal li traffic lights ta' Triq il-Ġnien mhux qed jaħdmu tajjeb. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tinforma lil tal-Firetech Limited.

**65/06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Performance Appraisal Reports**

**65/06/01** Ġie ippreżentat il-Performance Appraisal Report tas-SE u l-Kunsill unanimament approva dan irrapport u unanimament qabel ukoll li jirrakkomanda lid-DLG sabiex is-SE tingħata Performance bonus ta' 10%. Is-SE ser tieħu ħsieb tibgħat il-Performance Appraisal Report lid-DLG. Is-SE ppreparat il-Performance Appraisal Reports ta' Sinjorina Alexia Muscat u Sur George Debono. Hija rrikomandat li l-ħaddiema klerikali jingħataw Performance bonus ta' 6%. Il-Kunsill unanimament approva rrakkomandazzjoni tas-SE.

**65/07 Draft tal-Estimi ta' Dħul u Ħruġ għas-sena finanzjarja 2023**

**65/07/01** Is-Segretarju Eżekuttiv għamlet referenza għar-rapport draft ta' dħul u ħruġ għas-sena 2023, kif ippreparat mill-accountant tal-Kunsill. Is-Sindku ipproponiet li r-rapport draft, għandu jkunu d-dokument li ser jiġi ppreżentat fil-laqgħa pubblika.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**65/08** **Ħruġ ta'** ***Tender for Cleaning, Upkeep and Maintenance of Public Gardens and Soft Areas in Ħal Għargħur using environmentally friendly products and practices***

**65/08/01** Din il-kwistjoni se tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**65/09** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**65/09/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**65/10** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**65/10/01** Il-laqgħa spiċċat fis-7:00p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 8 ta' Frar 2023 fil-5:30p.m.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**